# L-Isfidi Demografiċi tal-Bierah,
# tal-Lum u ta' Għada:
# Ħarsa Storika minn Żmien il-Gvern ta' Ġorġ Borg Olivier sal-Lum

Diskors minn Dr Simon Mercieca

Auberge d'Aragon, il-Belt Valletta
4 ta' Novembru 2012

**Ġorġ Borg Olivier**

Ġorġ Borg Olivier twieled il-Belt Valletta. Studja fil-Liċew, Malta, u fl-Università Rjali ta' Malta, fejn iggradwa ta' Avukat f-1937. Fl-1939 kien elett fil-Kunsill tal-Gvern. Mar-ritorn ta' Gvern responsabbli fl-1947 Dr Borg Olivier kien elett fl-Assemblea Leġiżlattiva u aktar tard laħaq Deputat Kap tal-Oppożizzjoni. Fl-1950 ingħata l-kariga ta' Ministru tax-Xogħlijiet u r-Rikostruzzjoni u l-post ta' Ministru tal-Edukazzjoni fil-Gvern Nazzjonalista ta' Minoranza, immexxi minn Dr Enrico Mizzi. Hu ħa post Dr Mizzi bħala kap tal-Partit Nazzjonalista, Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja fil-Gvern ta' Minoranza mal-mewt tiegħu f'Diċembru tal-1950.

Wara l-elezzjonijiet ġenerali li saru f'Mejju, 1951, Dr Borg Olivier ifforma gvern ta' koalizzjoni mal-Malta Works Pary. Dr Borg Olivier kien Kap tal-Gvern ġdid, fejn żamm il-Ministeru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni. Reġa' lura fl-uffiċċju fl-1953 u kien Kap ta' Gvern ta' Koalizzjoni mal-Malta Worker's Party sa ma tilef l-elezzjonijiet tal-1955. Minn dik is-sena sal-1958 Dr Borg Olivier kien kap tal-Oppożizzjoni. F'Ġunju u Settembru 1955 hu mexxa d-delegazzjonijiet tal-Partit Nazzjonalista fil-Malta Round Table Conference u f'Novembru tal-1958 mexxa d-delegazzjoni tal-Partit għal taħditiet f'Londra fuq ir-restawr tas-self-government.

Wara l-elezzjonijiet ta' Frar, 1963, Dr Borg Olivier qabel li jifforma Gvern wara li jikseb emendi importanti għall-Kostituzzjoni.

Barra milli kien Prim Ministru, assuma wkoll il-portafoll ta' Ministru tal-Ippjanar Ekonomiku u tal-Finanzi.

F'Ġunju tal-1962, Ġorġ Borg Olivier għamel talba formali għall-Indipendenza u f'Settembru tal-istess sena attenda għal-Laqgħa tal-Prim Ministri tal-Commonwealth.

Fit-13 ta' Lulju tal-1963, Dr Borg Olivier mexxa delegazzjoni tal-Gvern għall-Konferenza ta' Malta Indipendenti li fi tmiemha tħabbar li Malta se tikseb it-talba tagħha. Wara numru ta' taħditiet mal-Gvern Ingliż u wara li tħejjiet Kostituzzjoni għal Malta indipendenti, li kienet maqbula mill-Parlament u approvata mill-poplu f'referendum li sar fi Frar tal-1964, Dr Ġorġ Borg Olivier fassal il-21 ta' Settembru bħal Jum Malta Indipendenti.

Tmint ijiem biss wara li Malta Indipendenti ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha biex tissieħeb man-Nazzjonijiet Uniti, kienet aċċettata formalment xahar wara. Fl-istess waqt, Malta kienet qed tagħmel it-talba formali tagħha biex tingħaqad mal-Kunsill tal-Ewropea, u ssieħbet f'April tal-1965.

F'Marzu tal-1965, Borg Olivier sar Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth, barra d-dmirijiet tiegħu bħala Prim Ministru, Ministru tal-Ippjanar Ekonomiku u tal-Finanzi. Flimkien ma' Arvid Pardo, l-ewwel Rappreżentant Permanenti għan-Nazzjonijiet Uniti, ippreżenta lin-Nazzjonijiet Uniti l-kontribuzzjoni u l-inizjattiva ta' Malta fuq il-Liġi tal-Baħar li wittiet it-triq għall-iżvilupp u k-kunċett ta' Wirt Komuni għall-Umanità.

# Partit li ħadem u stinka biex itejjeb il-ħajja tal-poplu tagħna

Miskin hu dak il-poplu li ma għandux storja. Iżda, huwa aktar miskin dak il-poplu li jinsa jew jibża' jfakkar l-istorja tiegħu. Hu dmir ta' kull ċittadin, u wisq aktar ta' partit politiku ta' ispirazzjoni popolari, bħalma hu l-Partit Nazzjonalista li jfakkar l-istorja tiegħu. Dan kien il-ħsieb tal-Partit Nazzjonalista meta waqqaf il-Fondazzjoni Giorgio Borg Olivier. L-għan tagħha hu li jiġi mfakkar dan l-istatista kbir.

Madankollu, daqstant ieħor ikun żball jekk partit jieqaf fil-passat. Il-passat għandna nistudjawh ħalli nitgħallmu minnu biex b'hekk inkunu nistgħu nibnu l-futur tagħna aħjar.

Din is-sena, il-Fondazzjoni Giorgio Borg Olivier qed tistieden lil Dr Simon Mercieca, Senior Lecturer fl-Università ta' Malta biex jagħmel din il-kommemorazzjoni. Is-suġġett magħżul hu wieħed li huwa għal qalbi ħafna, għaliex huwa suġġett dwar is-soċjetà tagħna, jiġifieri dwar kif aħna konna qed ngħixu fil-passat iżda wkoll kif qegħdin ngħixu issa u kif se nkunu qed ngħixu fil-futur.

Bi pjaċir ninnota li l-istoriċi tagħna jirrikonoxxu l-kontribut kbir li taw il-mexxejja politiċi tal-Partit Nazzjonalista lil pajjiżna, kontribut li jimraħ mill-istorja politika sa dik soċjali tagħna. Anzi, f'dan l-istudju, joħroġ ċar li l-Partit Nazzjonalista dejjem kellu għal qalbu l-avvanz tas-soċjetà Maltija u r-ruħ ta' dan il-Partit tinsab imxettla sew fil-ħsieb soċjali. Sa mill-ewwel leġiżlatura ta' żmien is-Self Government, il-Partit Nazzjonalista ħaseb, stinka u lleġiżla biex itejjeb il-ħajja tal-poplu Malti. Dan kien impenn li tkompla matul iż-żminijiet ta' wara.

F'dan l-istudju naraw bil-prattika kif il-Partit Nazzjonalista mexxielu jibni l-ekonomija ta' pajjiżna matul is-sittinijiet fuq bażi soda u b'riżultati joħorġu mill-istatistika. Żied ix-xogħol, inħolqu impjiegi ġodda waqt li tnaqqset l-emigrazzjoni. Dan kollu Giorgio Borg Olivier għamlu waqt li ħadem għall-indipendenza ta' pajjiżna u bena l-istat ta' Malta fuq demokrazija parlamentari.

L-Indipendenza ma kinetx biss xi pjan astratt politiku. Fissret ukoll li Partit Nazzjonalista ried iħabrek biex jgħolli l-livell tal-ħajja tal-poplu Malti. F'dan l-istudju, joħroġ biċ-ċar li Ġorġ Borg Olivier irnexxielu jilħaq dan l-iskop għaliex il-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna tjiebet ħafna matul is-sittinijiet. Għal Borg Olivier, il-ġid komuni ma kienx jibda u jispiċċa biss fl-inizjattivi diplomatiċi iżda ried li jinżel sal-livell tal-poplu.

Il-Partit Nazzjonalista kompla jħaddan u jiżviluppa dawn il-prinċipji permezz ta' numru kbir ta' miżuri soċjali li introduċa l-Gvern immexxi mill-predeċessur tiegħi, Eddie Fenech Adami. Il-Gvern tiegħu qiegħed l-iżvilupp soċjali ta' pajjiżna fuq quddiem tal-aġenda politika tiegħu, biex ħadd ma jibqa' lura.

Bħala Prim Ministru dejjem ridt u nibqa' rrid li l-pajjiż jimxi dejjem 'il quddiem. Iżda waqt li ħarsitna dejjem tibqa' tħares 'il quddiem, hu dmir tiegħi li nara li jekk xi ħadd jew xi sezzjoni tas-soċjetà taqa' lura, il-Gvern jagħti jdejh ħalli jiġbed 'il quddiem lil min waqa' lura. L-istatistika qed tagħtina raġun, u dan il-Gvern qiegħed bil-provi jiġġieled u jirbaħ l-esklużjoni. Dan hu Gvern li qed ikompli jsaħħaħ il-ġid komuni u d-dinjità ta' kull membru tas-soċjetà tagħna. L-edukazzjoni u l-ħarsien tal-familja se jibqgħu fuq quddiem tal-politika ta' dan il-Gvern biex nilħqu dan il-għan.

Nixtieq nirringrazzja lil Dr Mercieca li llejla għoġbu jilqa' din l-istedina tal-Fondazzjoni Ġorġ Borg Olivier. Għalkemm jittratta temi kumplessi, huwa jirnexxilu juża lingwaġġ ħafif. Forsi xi minn daqqiet Dr Mercieca jinstema' ftit nebbiexi. Ma għandix dubju li dan jagħmlu biex jistimola d-dibattitu tant meħtieġ fil-proċess demokratiku ta' pajjiżna. L-istil ta' Dr Mercieca żgur li jgħinna f'dan id-dibattitu li pajjiżna għandu bżonn.

Ċerti stqarrijiet li Dr Mercieca jagħmel f'din il-kommemorazzjoni jistgħu jinbidlu f'mistoqsijiet

politiċi għal dibattitu. Hu xogħol li jipprovoka l-ħsieb. Finalment, matul l-istorja tiegħu, il-Partit Nazzjonalista qatt ma beża' mill-provokazzjoni tal-ħsieb anzi ġġieled għal-libertà tal-espressjoni ħalli l-ħsieb ħieles ikun imħares.

Jalla dan l-istudju jservi ta' okkażjoni biex is-soċjetà tagħna niddiskutu aktar ħalli nagħrfu aħjar dak li għaddejna minnu. Nifhmu wkoll dak li għaddejjin minnu kif ukoll il-passi li għandna nieħdu fil-futur.

Lawrence Gonzi
Prim Ministru

**Dr Simon Mercieca** studja fl-Università ta' Malta, fejn kiseb il-baċellerat fil-Malti u fl-Istorja. Hu kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta, fejn kiseb il-baċellerat bl-unuri u l-maġisteru fl-Istorja. Rebaħ borża ta' studju biex kompla l-istudji tiegħu fl-istorja fl-Università ta' Ruma, La Sapienza. Wara li spiċċa l-istudji fil-Maġisteru ġie magħżul biex imur jistudja fl-Università ta' Parigi IV, is-Sorbonna, fi Franza. Fis-Sorbonna, Dr Mercieca kiseb D.E.A. bl-unuri kollha fuq teżi demografika dwar il-belt tal-Isla. Hu kompla bl-istudji tiegħu fis-Sorbonna, fejn kiseb id-Dottorat. Huwa ħadem fuq id-demografija ta' Bormla u ġab l-ogħla marki għat-teżi li ppreżenta. Dr Mercieca ħa sehem f'numru ta' konferenzi, kemm f'Malta kif ukoll barra. Għandu 'l fuq minn erbgħin xogħol akkademiku ppubblikati f'rivisti speċjalizzati, kif ukoll żewġ kotba, u hu l-editur ta' tliet kotba storiċi oħra. Matul il-ħidma akkademika tiegħu, Dr Mercieca organizza numru ta' konferenzi akkademiċi fuq suġġetti differenti tal-istorja u okkupa l-kariga ta' Direttur tal-Istitut tal-Mediterran fl-Università ta' Malta. Illum, Dr Simon Mercieca imexxi programm dwar id-demografija storika fi ħdan id-Dipartiment tal-Istorja fl-Università ta' Malta.

# L-Isfidi Demografiċi tal-Bieraħ, tal-Lum u ta' Għada: Ħarsa Storika minn Żmien il-Gvern ta' Ġorġ Borg Olivier sal-Lum

Hu ta' pjaċir u unur għalija llum li ninsab fostkom biex nagħmel dan id-diskors kommemorattiv biex jitfakkar wieħed mill-Prim Ministri ewlenin ta' pajjiżna u l-ewwel Prim Ministru ta' Malta Indipendenti. Jiena, lil Ġorġ Borg Olivier ma niftakrux bħala politiku. Anki jekk twilidt meta hu kien Prim Ministru u għandi memorji vagi ħafna tal-elezzjoni t l-1976 u l-kampanja elettorali ta' dik il-ħabta, nista' ngħid li bħala Prim Ministru hu jmur lil hinn mill-memorja personali tiegħi. Għalhekk, il-memorja tiegħu nista' biss nibniha mid-dokumenti storiċi u mid-diskori li jiena kont nisma' dwaru fir-rettorika politika tat-tmiem is-sebgħinijiet u l-bidu tat-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor.

**L-isfidi strateġiċi ewlenin**

Waħda mill-akkużi politiċi li kienet issir lill-Gvern ta' Ġorġ Borg Olivier ta' bejn l-1962 u l-1971 hija li kien Gvern kajman u maqtugħ mir-realtajiet soċjali u t-tbatijiet tal-poplu Malti ta' dik il-ħabta. Il-problemi soċjali kienu kbar u fit-transizzjoni demokratika ta l-Indipendenza, dawn il-problemi kienu jidhru ferm akbar għaliex issa konna rajna f'idejna u aħna biss, bħala poplu, konna responsabbli mis-soluzzjoni tagħhom. Kienu problemi primarjament marbuta mad-daqs tal-popolazzjoni ta' pajjiżna.Għalhekk, jiena ħassejt li f'dan l-istudju dwar il-persuna tal-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier, inħares lejn dan l-aspett partikulari u nara l-isfidi demografiċi li dan il-gvern kellu jaffaċċja. Biss, m'iniex se nieqaf f'din il-ħarsa ħafifa tiegħi mas-sittinijiet. Irrid immur lil hinn minn hekk u nara jekk is-soluzzjonijiet jew il-viżjonijiet offruti f'dik il-ħabta għadx għandhom relevanza llum.

Bil-kelma demografija, normalment, wieħed jifhem "l-istudju xjentifiku tal-popolazzjoni umana, primarjament fir-rigward tad-daqs, l-istruttura u l-iżvilupp tagħha"[1].

F'Malta kellna popolazzjoni li kienet (u kif fil-fatt għadha) ħafna ikbar mid-daqs li l-gżira tagħna ġeografikament tiflaħ. Biex inkun ċar f'dan id-diskors tiegħi, id-daqs ġeografiku ta' Malta jiflaħ popolazzjoni ta' bejn 15,000 u 20,000 ruħ. Jiġifieri, din hija l-popolazzjoni li gżira d-daqs tagħna tagħmilha possibbli li tkun awto-suffiċjenti mingħajr il-bżonn ta' importazzjoni ta' riżorsi minn barra. Kif jinqabeż dan il-limitu, hemm bżonn ta' għajnuna minn barra, u din jeħtieġ tiġi permezz ta' kuntatti diplomatiċi u kummerċjali, kif fil-fatt l-istorja tagħna turina tant tajjeb. Għalhekk, matul iż-żminijiet, b'mod speċjali meta din iċ-ċifra bdiet tinqabeż sewwa, Malta kellha tiddependi aktar u aktar fuq l-importazzjoni minn barra għall-għajxien tagħha. Minħabba dawn il-limitazzjonijiet fiżiċi, l-istoriku magħruf Franċiż dwar l-istorja tal-Mediterran, Ferdinand Braudel, kien qal li l-gżejjer żgħar tal-Mediterran huma dinjiet magħluqa, jew kif isejħilhom huwa, *"isolated worlds"*, definizzjoni li għadha sal-lum tnibbex il-ħsieb ta' ħafna storiċi. Normalment, postijiet iżolati jipproduċu popolazzjoni żgħira. Malta, iżda, irnexxielha tipproduċi popolazzjoni ħafna ikbar mid-daqs tagħha. Ikun dan il-fatt tal-popolazzjoni profikwa li jwassal – jekk mhux ukoll jiddetermina – biex jagħmel minn din l-art f'nofs il-Mediterran stat sovran. Din id-densità demografika għenet lill-poplu Malti biex jitlob id-dritt għall-Indipendenza, li nkisbet minn Ġorġ Borg Olivier fl-1964. Dan, illum hu fatt storiku rikonoxxut minn kulħadd.

Ma hemmx dubju li dan il-fattur demografiku kien se jkun l-isfida ewlenija għal kull gvern li kellu jmexxi lil Malta mill-Indipendenza 'l quddiem. Għalhekk, il-ministru tas-*social policy*, ma' dak tal-Edukazzjoni, il-Finanzi, l-Affarijiet Barranin u l-Ambjent isir wieħed mill-aktar ministeri importanti, u dan normalment ikun fdat lil wieħed mis-*senior members* fost id-deputati.

Quddiem dan il-fatt storiku, wieħed allura jistaqsi kemm hemm verità fl-akkuża politika li l-gvern immexxi minn

1 *Multilingual Demographic Dicitionary Second edition adapted by Etienne van de Walle from the French Section edited by Louis Henry,* Belgium, Ordina editions, 1982, p. 15.

Ġorġ Borg Olivier ta' bejn l-1962 u l-1971 kien wieħed rieqed, bla kuxjenza soċjali, u maqtugħ mill-problemi soċjali ta' dik il-ħabta? Veramentkien gvern – bħal ma kont nisma' fi tfuliti fid-dibattiti politiċi jew għand tal-merċa – li l-unika soluzzjoni li kellu għall-problemi soċjali jew demografiċi kienet l-emigrazzjoni, jew kif kienet deskritta fil-lingwaġġ politiku ta' dak iż-żmien, bħala l-eżilju tal-massa minn pajjiżna?

Biex wieħed jibda jirrispondi dawn id-domandi, wieħed irid l-ewwel jidentifika l-għodda li bihsiebu juża f'dan ir-rigward. L-ewwel għodda hija dik tad-dokumenti storiċi, li f'dan il-każ se jkunu ċ-ċensimenti tal-epoka. Bejn l-1962 u l-1971 kienu saru żewġ ċensimenti relevanti, jiġifieri dak tal-1957 u l-ieħor li sar fl-1967. Naħseb li dawn iċ-ċensimenti jistgħu jagħtuna stampa tat-tibdil soċjali li kien qed iseħħ f'pajjiżna matul dan il-perijodu.

## X'sab Ġorġ Borg Olivier fl-1962?

Fl-1957, il-popolazzjoni tal-gżira kienet ta' 319,620. Dan kien ifisser li mill-1842,[2] meta kien sar l-ewwel ċensiment mill-ħakkiem Ingliż, Malta kellha żieda fil-popolazzjoni bir-rata ta' 0.90% fis-sena. Din ir-rata taqbel sew ma' dik li kienet qed tkun esperjenzata fid-dinja f'dik il-ħabta; anki jekk f'termini Mediterranji, din kienet inqas minn dik ta' Ċipru u fl-istess livell tal-Afrika (1.09), imma ħafna ikbar minn dik tal-Gran Britannja (0.58).

Ġorg Borg Olivier sab pajjiż li kien qed jinbidel b'mod radikali fil-fiżonomija urbana tiegħu. Zli sa qabel l-1957 kienu mitqiesa bħala suburbani – bħal ma kienu dawk tal-Ħamrun, Santa Venera, L-Imsida u Tal-Pjetà – issa bdew jitqiesu bħala parti ċentrali mill-qalba urbana ta' Malta. Jiġifieri tqiegħdu fuq l-istess livell tal-Belt Valletta, il-Furjana u l-Ibliet tal-Kottonera.[3] Anki Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, Ħal Lija u Ħal Qormi ma baqgħux jitqiesu esklussivament zoni rurali, iżda bdew jiġu kklassifikati bħala zoni ċentrali urbani.

2 Il-popolazzjoni fl-1842 kienet ta' 114, 499,
3 *Malta Census 1957 The Maltese Islands General Report, Volume 1, Text*, Central Office of Statistics Malta, Bla data, , Chapter 2, p. iv.

Erbgħa minn kull ħamest idjar kellhom is-servizz tad-dawl u tal-ilma, waqt li tliet kwarti tad-djar kienu magħquda mad-drenaġġ pubbliku.[4] 26% kienu sidien ta' djarhom, waqt li 67% kienu bil-kera, 7% kienu jgħixu fi djar *furnished*,[5] waqt li kien għad hemm 1.9% li jgħixu fil-kerrejjiet, jiġifieri fi kmamar mingħajr faċilitajiet sanitarji. Dawn kienu jkunu komuni għall-inkwilini kollha.[6] F'dak li kellu x'jaqsam max-xogħol, it-tkabbir fl-edukazzjoni kien qed iwassal biex iżid in-numru tan-nies li kienu qed isibu impjieg, jew kif jingħad bl-Ingliż, ikunu "*gainfully occupied*".[7] Min-naħa l-oħra, in-nies li jaħdmu fir-raba' bdew jonqsu sew, waqt li xogħol ieħor tradizzjonali bħal dak tal-bizzilla u l-ħjata kien qed jonqos b'rata mgħaġġla ħafna. Biss, l-ekonomija kienet sejra tajjeb, bħal ma kien jidher mill-fatt li n-numru tal-bejjiegħa bil-karrettun jew tal-monti (*hawkers*) kienu wkoll qegħdin jonqsu. Żieda f'dan is-settur kienet f'dik il-ħabta mitqiesa tfisser li l-prospetti tax-xogħol ma kinux tajbin. Normalment, in-numru tal-bejjiegħa tat-triq ikun għoli fi żminijiet ta' kriżi ekonomika jew meta jkun hemm żieda f'dawk il-persuni li ma jaħdmux[8] – wieħed kien jarma jbigħ biex idawwar ir-rota.

In-numru ta' dawk li kienu jaħdmu kien leħaq iċ-ċifra ta' 93, 286. Dan kien ifisser li kien hemm żieda miċ-ċensiment l-ieħor li kien sar fl-1948, sena mitqiesa mill-istess ċensiment bħala waħda tajba meta kien hemm xogħol għal kulħadd f'pajjiżna minħabba r-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra. Tmiem il-gwerra ġab miegħu dak li nistgħu nsejħulu bħala *full employment*. Infatti, fil-perijodu eżatt ta' wara l-gwerra, kien hemm "*very little unemployment, in fact in some occupations, especially in those associated with reconstruction, there was a labour shortage*".[9] Iżda dan kien biss *boom* artifiċjali, li malajr spiċċa. Hekk kif ir-rikostruzzjoni tal-gżira spiċċat, is-sitwazzjoni ekonomika, speċjalment dik tax-xogħol, bdiet tmur għall-agħar. Mill-1954, ir-rata tal-emigrazzjoni minn pajjiżna bdiet tiżdied. L-emigrazzjoni kienet ta' madwar 7,000 persuna fis-sena. Kienet is-soluzzjoni primarja għall-popolazzjoni għolja taż-żgħażagħ fis-soċjetà Maltija, u din kienet ir-raġuni primarja għala l-qgħad kien baxx f'dik il-ħabta.

---

4 Census 1957, Chapter 6, p. xl.
5 Census 1957, Chapter 6, p. xl.
6 Census 1957, Chapter 6, p. xxix.
7 Census 1957, Chapter 5, p. xi.
8 Census 1957, Chapter 7, p. xiv.
9 Census 1957, Chapter 1, p. ii.

**X'ġara sew fil-qasam demografiku fis-sittinijiet?**

Għalhekk, l-ikbar sfida li kellu quddiemu l-Gvern ta' Ġorġ Borg Olivier kienet dik demografika, għaliex din l-emigrazzjoni daqshekk għolja kienet ġejja mir-rata tat-tkabbir tal-popolazzjoni. Fuq naħa, Malta kienet ġa bdiet dieħla f'dik li Coole u Hoover isejħu bħala t-transizzjoni demografika, jiġifieri diġà kien beda jiġi pprattikat il-kontroll tat-twelid, għaliex għall-ewwel darba fl-istorja demografika ta' pajjiżna, ikun fis-snin ħamsin li n-numru tat-trabi ma jibqax il-faxxa l-aktar numeruża tal-popolazzjoni ta' Malta, meta kkomparata ma' faxex oħrajn ta' etajiet differenti. Jekk dan jidher bħala xi ħaġa pożittiva, warajha kien hemm ukoll biċċa wġigħ tar-ras għall-gvern ta' Borg Olivier, għaliex anki jekk mis-snin ħamsin 'il quddiem bdejna nagħmlu inqas tfal, f'termini ta' xogħol, dan sab quddiemu l-faxxa tat-trabi li twieldu wara l-gwerra, fil-perijodu magħruf bħala l-*baby boom*. Dawn issa kienu saru ż-żgħażagħ u l-adulti tas-sittinijiet.

Wieħed irid jiftakar li gwerer jew kriżijiet oħra kbar iġibu magħhom dewmiem fiż-żwiġijiet, b'ħafna koppji u għarajjes ikollhom itawlu jew jipposponu d-data taż-żwieġ tagħhom. Din is-sitwazzjoni tinbidel fi splużjoni ta' żwiġijiet fit-tmiem tal-istess gwerer jew kriżijiet. Dan ġara wkoll f'Malta wara l-1945. Koppji aktar żgħar fl-età fittxew issa li jiżżewġu meta mqabbla mas-snin ta' qabel. Dan ifisser li aktar mal-koppji jkunu żgħar aktar kien ikun hemm iċ-ċans għal ikbar numru ta' tfal fil-familja.[10] Fuq kollox, minn wara t-Tieni Gwerra 'l quddiem, ir-rata tal-imwiet fost it-trabi bdiet tonqos sew, u dan wassal biex anki jekk konna bdejna bil-mod innaqqsu r-rata tat-twelid tagħna, xorta waħda l-popolazzjoni baqgħet tikber, għaliex aktar trabi issa kienu qed jibqgħu ħajjin.[11] Is-soluzzjonijiet li l-gvern ta' Borg Olivier ried issa jsib kienu dawk li jiddiversifika l-ekonomija, jintroduċi politika ġdida industrijali, u jagħmel lill-gżira tiddependi inqas fuq in-nefqa militari. Biex l-affarijiet ikomplu jikkumplikaw ruħhom, il-fatt li l-istat Malti hu magħmul minn żewġ gżejjer kompla kabbar l-isfidi, għaliex jekk Malta kienet qed tbati mill-fatt li hija gżira u allura mitqiesa maqtugħa mill-kontinent, Għawdex spiċċa gżira ġewwa gżira, bir-riżultat li s-sitwazzjoni f'Għawdex kienet soċjalment u ekonomikament aktar ħażina minn dik f'Malta. Tant kemm dawn l-isfidi dehru kbar

10 Census, 1957, Chapter 10, p. ii.
11 Census 1957, Chapter 3, p. ii.

u pressanti, li ċ-ċensiment ipprogrammat għas-sena 1961 tmexxa 'l quddiem u sar fl-1957.[12] Il-pożizzjonijiet politiċi li ħa Ġorġ Borg Olivier mhux bil-fors li kienu kollha qed jiġu mifhuma miż-żgħażagħ, speċjalment dawk li kienu ġejjin mill-faxex l-aktar foqra tas-soċjetà u allura kellhom bżonnijiet u sfidi akbar quddiemhom. Il-pressjonijiet trejdunjonistiċi militanti ta' dik il-ħabta kienu wkoll qed iħallu l-effetti tagħhom, li mhux bilfors kienu pożittivi, anki jekk f'dan il-perijodu dehru bħala bżonjużi. Biss, ikun żball storiku li jingħad li Ġorġ Borg Olivier kien maqtugħ minn din ir-realtà ġdida li l-gvern tiegħu kien qed jaffaċċja. Anki jekk l-għażla jew il-kompożizzjoni tal-kabinett mhux dejjem għenet l-immaġni politika ta' dan il-gvern, żgur li f'dak li kien il-qasam soċjali u demografiku nkisbu suċċessi kbar.Hawnhekk, nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex insellem lill-figura ta' Ċensu Tabone, li ħalliena din is-sena. Hu serva bħala Ministru tax-Xogħol, l-Impjiegi, is-Sigurtà u l-Emigrazzjoni bejn l-1966 u l-1971. Matul il-perijodu tiegħu, Ċensu Tabone affronta b'għaqal l-isfidi strateġiċi ewlenin billi kompla jaħdem ħalli jżid l-impjiegi f'pajjiżna – fattur li irnexxielu jilħaq għaliex ir-rata tal-qgħad ġabha l-aktar waħda baxxa, u dan ir-riżultat intlaħaq f'kuntest ta' *rundown* mis-servizzi. Fuq kollox, hu daħħal liġi li tobbliga lil min iħaddem biex jimpjega persuni b'diżabbiltà waqt li uża l-pożizzjoni tiegħu biex għamel pressjoni ħalli jinfetħu fabbriki wkoll f'Għawdex biex b'hekk anki din il-gżira tidħol fl-era industrijali, waqt li ħadem biex ikun hawn relazzjonijiet industrijali sereni. Kif qalli wieħed minn uliedu, "Mhux l-ewwel darba li d-Daddy u l-mamà kienu jkunu f'vaganza u kien iċempillu Ġorg Borg Olivier u jgħidlu, 'Ċens, hawn *strike* – Ejja lura'". Jiena ma għandix dubju li storikament Ċensu Tabone kien għamel xogħlu tajjeb ħafna u kkrea l-bażi neċessarja li fuqha wieħed seta' jibni l-programmi soċjali futuri. Ir-riżultati tal-politika soċjali ta' Borg Olivier ġa kienu jidhru tajjeb fiċ-Ċensiment tal-1967.

**X'kienu s-suċċessi fil-livell demografiku ta' Borg Olivier?**

Fil-bidu tat-tieni leġiżlatura ta' Borg Olivier, il-popolazzjoni kienet issa ta' 314,175. Dan kien ifisser li kien hemm tnaqqis, meta mqabbla ma' dik tal-1957, ta' 5,445. Iċ-ċensiment jispjega li dan kien dovut għal "*the net loss long-*

12 Census 1957, Chapter 1, p. iii.

*term migration to other countires amounting to 44,989 which exceeded the natural increase of live births over deaths, and to a minor extent, to the decrease in the number of dependents of non-Maltese servicemen withdrawn from Malta*".[13] Fi kliem aktar sempliċi, dan fisser li l-emigrazzjoni kienet niżlet għal rata medja ta' madwar 1,400 persuna. Biss, din ir-rata waħidha ma setgħetx iġġib dan l-effett. Ried ikun hemm raġuni jew raġunijiet oħra ta' natura demografika. Ir-raġuni prinċipali kienet li matul is-sittinijiet, il-kontroll tat-twelid kompla jikber fost il-koppji żgħażagħ u inqas żgħażagħ ta' dik il-ħabta. Infatti, kien ikkalkulat li kien hemm waqgħa ta' 20% f'dawk li fid-demografija jissejħu *live-births*.[14]In-numru ta' dawk li kienu qed jaħdmu bi qligħ kien 94,303. Kien hemm żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol. L-età fid-dinja tax-xogħol kienet waħda pjuttost għolja; għalhekk, il-faxxa tal-irgiel li kienu jfittxu x-xogħol kienet ikbar. Għall-irġiel, l-età tax-xogħol kienet bejn l-14-il sena u l-64 sena, waqt li għan-nisa kienet bejn l-14 u d-59 sena. Iċ-ċensur jinnota li "*despite the increased proportion of persons aged 14 and over in 1967, the activity rate of 69.9% for males and 16.7% for females were relatively high*". Dan ifisser li 70% tal-irġiel u 17% tan-nisa kienu qed jaħdmu. Jekk dawn ir-rati jiġu mqabbla flimkien, kienu jagħtu il-perċentaġġ ta' 41.5% tal-popolazzjoni li kienet qiegħda taħdem.[15]Kien hemm żieda fiz-zoni urbani – Paola issa bdiet titqies bħala parti mill-*urban core*, jew kif kienu jsejħulha f'dak iż-żmien, l-*inner harbour region*.[16] Biss, iz-zona li matul is-sittinijiet kienet l-aktar urbana hija dik ta' Tas-Sliema, u ssir l-ikbar lokalità f'Malta, segwita mir-raħal ta' Birkirkara.[17] Wieħed irid jgħid ukoll, iżda, li Tas-Sliema ma kinetx fost dawk il-postijiet li kienu qed jikbru matul is-sittinijiet, anzi kienet zona li esperjenzat tnaqqis fil-popolazzjoni. Iz-zoni li kienu qed jikbru kienu dawk tradizzjonalment assoċjati mal-ħaddiema, jiġifieri l-Gżira, Raħal Ġdid u Bormla.[18]

L-industrija tal-bini kienet sejra tajjeb. Bejn l-1957 u l-1967, ir-rata tad-djar jew *units* ta' abitazzjoni ġodda kienet ta' 1,344 fis-sena. Dan ġab tibdil minn 73,619 għal 87,060 *unit* ta' *housing*. Dan kien ifisser li kien hemm żieda ta' 18.3%

13 Malta Census 1967, p. 13.
14 Malta Census 1967, p. 13.
15 Malta Census 1967, p. 16.
16 Malta Census 1967, p. 6.
17 Malta Census 1967, p. 12.
18 Malta Census 1967, p. 14.

kull sena.[19]. Kiber l-ammont ta' dawk li kienu sidien ta' darhom u ta' dawk li kienu issa qed joqogħdu f'dar minflok xi f'kerrejja jew appartament imkittef.[20] Infatti, iċ-Ċensiment jinnota tnaqqis drastiku tan-nies li kienu qed jgħixu fil-kerrejjiet.[21] Fuq kollox, kważi Malta kollha ġiet konnessa mas-sistema tad-drenaġġ pubbliku.[22]Anki fl-emigrazzjoni kien hemm tibdil fis-sittinijiet. Jekk qabel, aktar kienu l-irġiel li kienu qed jemigraw, issa nsibu li n-numru tan-nisa beda jiżdied u b'hekk id-diskrepanza bejn is-sessi fl-emigrazzjoni naqset. Dan il-fattur juri li l-proċess tal-emanċipazzjoni femminili f'Malta kien qed jilħaq il-livelli tal-massa.[23]Fuq kollox, matul it-tieni leġiżlatura tal-gvern ta' Borg Olivieri jitfettaħ aktar il-kunċett tal-pensjonijiet, anki jekk dan il-kunċett f'Malta ma hu xejn ġdid, anzi hu antik ħafna u referenzi għalih insibuhom fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, speċjalment fil-każ ta' xi mara li tkun tilfet ir-raġel tagħha u kienet titlob pensjoni biex tkun tista' tgħix, bħal ma kien ġara wara l-kampanja tad-Danubju fl-1736-39. Ir-romol kollha tas-suldati Maltin kienu irċevew pensjoni.[24] L-espansjoni demografika twassal għall-bżonn li dawn il-kunċetti jitwessgħu.Storikament, il-kunċett tal-pensjonijiet hu marbut fl-Ewropa mal-kunċett tax-xogħol. Il-matematika wara l-pensjonijiet kienet tinħadem billi għal kull erba' jew ħames persuni li jaħdmu, tinħareġ pensjoni għall-persuna li ma taħdimx.[25] Il-mudell l-aktar b'saħħtu li wera kif din is-sistema setgħet taħdem b'suċċess kien dak offrut mill-Prussja tal-Kanċillier Bismarck. Il-kunċetti ta' *retirement pension* u *Health Insurance systems* huma ispirati minnu. Hu żviluppa l-kunċett tal-*pay-as-you-go technique*.[26] Waqt li tal-ewwel seta' jitmexxa 'l quddiem grazzi għas-suċċessi miksuba fil-qasam tax-xogħol fis-sittinijiet u allura tibda tinfirex il-bażi tan-nies li jistgħu jħallsu għall-pensjoni, it-tieni jkollha tistenna, bħal ma se naraw fl-amministrazzjoni l-ġdida mmexxija mill-Perit Duminku Mintoff. Biss, naħseb li jkun sew li hawn jiġi mfakkar it-twessigħ sinjifikanti

---

19 Malta Census 1967, p. 17.
20 Malta Census 1968, p. 17.
21 MaltaCensus 1967, p. 19.
22 *Census' 85, A Demographic Profile of Malta and Gozo*, vol. I, Central office of Statistics, Malta, 1986, p. 118.
23 Malta Census 1967, p. 14.
24 Robert L. Dauber, *The Navy of the Order of Malta at the Danube* (sic) *in the War against the Turks*, Malta, Print Right Ltd 2011, p. 118 ,
25 Philippe Herzog, André Sapir, "What Economic and Social Model for Europe? Debate led by Patrick Allard", *What Econmic and Social Model for Europe? Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance 2008, Philippe Herzog, André Sapir, "What Economic and Social Model for Europe? Debate led by Patrick Allard", *What Econmic and Social Model for Europe? Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance 2008,p. 199.
26 "Centre d'analyse stratégique Reviving the Social Dimension of the European Political Project", *What Econmic and Social Model for Europe? Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance 2008, p. 172.

f'dan il-qasam li jseħħ meta l-Maltin ingħataw id-dritt għall-ewwel darba li jmexxu l-affarijiet interni ta' pajjiżhom, jiġifieri fi żmien il-Gvern Responsabbli ta' wara l-1921, speċjalment ix-xogħol li sar mill-*Unione Politica Maltese* taħt it-tmexxija ta' Monsinjur Ignazio Panzavecchia. Dan ir-rikonoxximent joħroġ ċar fil-ktieb ta' Dominic Fenech, *Endemic Democracy*.[27] L-awtur iqisu l-ikbar kontribut ta' dan il-gvern ta' Panzavecchia, anki jekk dan l-aspett għadu ma ġiex studjat sewwa. L-istorja tal-Gvern Responsabbli kienet waħda qasira. It-tmiem tiegħu jwassal biex anki jintemm dan il-ħsieb soċjali. Iridu jkunu tmiem il-gwerra u l-għoti mill-ġdid tat-tmexxija ta' Malta f'idejn il-Maltin biex ħsibijiet soċjali, li kienu tant għal qalb l-*Unione Politica Maltese*, jerġgħu jibdew jimirħu b'saħħa fil-ħsieb tal-politiċi Maltin. Biss, ikun l-għoti tal-Indipedenza l-veru xprun biex il-politiċi tagħna setgħu jaħsbu fuq is-sitwazzjoni soċjali aktar minn qatt qabel. Issa kellhom ukoll l-għodda diplomatika li setgħu jużawha biex jilħqu dan l-iskop. Il-Perit Duminku Mintoff se jkun dak il-Prim Ministru li juża din l-għodda għal raġunijiet soċjali.

## Is-Sebgħinijiet

Ġorg Borg Olivier tilef l-elezzjoni tal-1971 u – bħal ma hu mistenni minn kull persuna li verament temmen fid-demokrazija – mar fl-oppożizzjoni. B'hekk assigura t-transizzjoni demokratika fi stat żagħżugh u eks kolonja. It-tmexxija ta' Malta issa kienet fdata f'idejn il-Perit Dom Mintoff. Ma hemmx dubju, li l-Perit Mintoff, kif kelli ċ-ċans insejjaħlu f'xogħol ieħor tiegħi, kien il-bennej tas-servizzi soċjali f'pajjiżna, fis-sens li daħħal s-sistema Bismarkjana fil-qasam tas-servizzi soċjali, u estenda l-pensjoni lil kulħadd waqt li introduċa numru ta' miżuri soċjali oħrajn. Biss, mingħajr ma' nidħol fl-ebda polemika, anki jekk issa l-Perit Mintoff jappartjeni għall-istorja, jidher ċar li l-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna kien imxekkel mill-fatt li l-politika ekonomika adottata f'dan il-perijodu ma bdietx tagħti r-riżultati mixtieqa, speċjalment fil-qasam tax-xogħol. Ir-reazzjoni tkun li l-gvern tal-ġurnata kkumbatta dan in-nuqqas ta' dħul ipproġettat fl-introduzzjoni ta' taxxi ġodda fuq ix-xogħol, li kien meħtieġ biex jagħmel tajjeb għal dawn is-servizzi soċjali, billi ntużat l-arma diplomatika li offriet l-Indipendenza biex jinġabru l-għotjiet minn

27 Dominic Fenech, *Responsibility and Power in Inter-War Malta. Book One: Endemic Democracy (1919-1930)*, Publishers Enterprises Group 2005, pp. 167. 172 -173.

barra.Ma hemmx dubju li fattur importanti li kkontribwixxa għal dan il-falliment kien id-deċiżjoni ħażina li tkun injorata l-għodda tal-istatistika, jiġifieri l-gvern tal-ġurnata ma ħassx il-bżonn li jagħmel iċ-ċensimenti ħalli jkollu *stock-take* demografiku aġġornat. Anzi, kien diffidenti mill-istatistika għaliex bdiet turih sitwazzjonijiet xejn sbieħ. Minflok, il-politika ekonomika u soċjali kollha bdiet issir fuq il-bażi ta' intuwizzjonijiet personali u bbażata fuq tagħrif statistiku frammentarju, inkomplet u addirittura li ma kienx ta' min joqgħod fuqu.[28] Mingħajr din l-għodda, is-suċċessi tal-pjani ekonomiċi ma setgħux jirnexxu, u kif seturi l-istorja, kontra kull intenzjoni tajba, kull inizjattiva li ma għandhiex il-qafas professjonali warajha hija ddestinata li tfalli, kif fil-fatt ġara.Hawn, wieħed irid ifakkar b'mod konkret li ż-żamma tal-istatistika b'mod regolari twassal pajjiż biex jagħmel il-politika tiegħu waħda ta' suċċess jew le. Napli tas-seklu tmintax offriet sfida anki lill-Ingilterra għas-supremazija fl-Ewropa meta bdiet tagħmel użu minn din l-għodda. L-Amerika ġa ddaħħal b'mod regolari l-użu taċ-ċensimenti fis-seklu tmintax u tagħmilhom parti mill-Kostituzzjoni tagħha, u l-ewwel wieħed isir fl-1790.[29]Għalhekk, is-suċċess jew il-falliment ta' stat aktar għandu jkun attribwit lil dawn il-fatturi milli kif qal Max Weber, għal xi tip ta' kultura reliġjuża li jħaddan, jiġifieri jekk hux Kattoliku jew Protestant. Li ġara hu li l-pajjiżi Protestanti, iżda mhux kollha, kienu fuq quddiem fl-użu tal-istatistika. Hekk, fl-Ewropa, barra l-esperiment abortiv li kien sar f'Napli, insibu l-pajjiż Protestant tal-Iżvezja jagħmel użu miċ-ċensimenti. Fid-dinja Anglikana tal-Ingilterra, ir-redazzjoni taċ-ċensimenti tidħol wara ħafna diffikultajiet u oppożizzjonijiet mill-*House of Lords* fl-1800. L-Awstralja tagħmel l-ewwel ċensiment tagħha fl-1828. F'Malta jsir fl-1842.[30]

Biss, f'dawk l-istati kattoliċi li bħal Napli daħħlu din l-għodda, ir-riżultati dehru mal-ewwel. Fi Quebec, il-Kanada, l-użu taċ-ċensiment daħal fl-1665 u mhux ta' b'xejn li dan l-istat irnexxielu jżomm l-awtonomija tiegħu f'dinja li għal Weber kienet Protestanta.Fuq kollox, dak li se jiġri fis-sebgħinijiet f'Malta, ikompli jikkonferma dak li qed ngħid. Jiġifieri, irrespettivament minn jekk il-kultura tagħna hix Kattolika jew le, dan in-nuqqas ta' ġbir b'mod

28 Census '85, vol. I, p. 86. "The statistic on this subject (jiġifieri x-xogħol) which used to be collected through periodic surveys and inspections was incomplete and often unreliable, so that it was advisable to update and when necessary to amend labour data at census time."
29 Census 1957, Chapter 1, pp. vii-viii.
30 Census 1957, Chapter 1, pp. vii-viii.

sistematiku ta' statistika, iwassal għal nuqqas ta' ppjanar ekonomiku tajjeb. Mintoff jimmudella l-istat Malti fuq dak li jissejjaħ fi Franza bħala l-istat Ġakobin, jiġifieri l-istat irid jaħseb għaċ-ċittadin min-nieqa sal-qabar. Għalhekk din l-għodda kienet indispensabbli. Id-dħul tas-servizzi soċjali dehru soluzzjoni għal ħafna. Kważi, kważi nazzarda ngħid, li l-politika soċjali tant kienet b'saħħitha li ħadet post ix-xogħol u kkreat illużjoni għal xi wħud li setgħu jgħixu bla ma jaħdmu. Iżda l-konferma li mhux kollox kien miexi sew fil-politika ekonomika toħroġ mill-figuri tal-emigrazzjoni. Bejn l-1971 u l-1974, insibu li din bdiet tiżdied kull sena u leħqet numru rekord fl-1974.[31]

Hawn, wieħed irid ifakkar li l-emigrazzjoni f'pajjiżna kienet prinċipalment relatata max-xogħol, u għalhekk din iż-żieda turi biċ-ċar li l-qgħad kien reġa' beda jżid; biss, ittaffa mill-miżuri soċjali. Għal Mintoff, is-soluzzjoni aħharija kienet l-użu tad-diplomazija, b'mod partikulari l-għajnuna diretta finanzjarja li hu beda jitlob mingħand pajjiżi fil-qrib bħal-Libja u l-Alġerija[32] jew dawk fil-bogħod, bħaċ-Ċina. Magħhom naraw il-kreazzjoni ta' korporazzjonijiet parastatali ħalli jassorbu n-nies qiegħda.

Hawnhekk ikun tajjeb li nirritornaw għaċ-ċensiment tal-1957. F'dan iċ-ċensiment kienet saret previżjoni dwar kemm kienet se tikber il-popolazzjoni Maltija sal-1980. L-ewwel stima kienet li t-tkabbir tal-popolazzjoni kien se jkun ta 1.4% fis-sena. Dan kien ifisser li sal-1980, il-popolazzjoni ta' Malta kellha tasal sa 418,000 ruħ. Fil-verità, din ma ntlaħqitx, u għadna ma lħaqnihiex sal-lum. Biex tintlaħaq din il-figura, l-emigrazzjoni kellha titnizżel bi 2% kull sena.

Min-naħa l-oħra, jekk l-emigrazzjoni kienet se tibqa' statika bħal ma kienet fis-snin ħamsin, jiġifieri ta' 7,000 emigrant fis-sena, allura l-popolazzjoni kienet anki tonqos u fl-1980 kellha tasal għal madwar 300,000. Fil-fatt, il-popolazzjoni kienet aktar minn hekk. Skont iċ-ċensiment tal-1985, Malta kellha 345,218.[33] Dan juri kemm baqgħet

31 Census '85, vol. I, p. 14.
32 Simon Mercieca, "Il-Perit Duminku Mintoff u l-Immakulata (1916-2012) Appendiċi 1", *Bejn Storja u Miti. Ġabra ta' kitbiet dwar Duminku Mintoff*, Horizons, 2012, (forthcoming).
33 *Census '85, A Computer-Drawn Demographic Altas of Malta and Gozo*, vol. III,,Central Office of Statistics, 1987. Mhux paġinat.

għolja l-emigrazzjoni matul is-snin sebgħin. Min-naħa l-oħra, mingħajr xejn emigrazzjoni, l-estimi kienu li sal-1980, il-popolazzjoni kellha taqbeż in-nofs miljun ruħ.[34] Fuq kollox kien ġa qed isir tbassir li sal-1980, it-tendenza ta' dawk il-persuni li kellhom sittin sena jew aktar u li kienu se jibqgħu jaħdmu wara l-età tal-pensjoni, kellha tikber. Iżda minħabba l-qagħda ekonomika tant ħażina fil-bidu tat-tmeninijiet, din l-idea kellha tkun skoraġġita għal kollox. Fuq kollox, it-tmiem tal-bażi militari fl-1979 kompliet tagħmel is-sitwazzjoni tax-xogħol f'pajjiżna aktar diffiċli. Għal darba oħra, is-soluzzjoni kienet f'intervent dirett issa permezz tal-ħolqien ta' korpi bħal *Dirgħajn il-Maltin, Iżra' u Rabbi*, eċċ. Ma hemmx dubju li parti minn dawn il-problemi kienu ġejjin mill-fatt li l-istat naqas milli jagħmel ċensiment. Dan suppost sar fl-1977. B'ċensiment, wieħed seta' jippjana aħjar għat-tibdiliet kbar ekonomiċi li tmiem il-bażi militari kienet se ġġib magħha.

Dan in-nuqqas finalment jiġi kkoreġut fl-1985. Għalhekk, issa wieħed jista' jara sew x'kien ġara fl-erbatax-il sena ta' qabel, anki jekk ċertu spjegazzjonijiet f'dan iċ-ċensiment jidhru li mhux eżatti ħalli titgħatta l-vera sitwazzjoni ta' Malta.[35]

Kontra dak li ġara fl-1967, il-popolazzjoni terġa' tibda tiżdied matul is-sebgħinijiet, tendenza li tibqa' sejra sa żmienna. Hawnhekk, iż-żieda ma għandhiex tkun attribwita għal xi kambjamenti fil-kultura sesswali. Anzi, it-transizzjoni demografika kompliet tissaħħaħ u aktar familji bdew ikunu żgħar fin-numru tat-tfal. Bla dubju, l-iżviluppi li bdew iseħħu fid-dinja xjentifika, b'mod partikulari fid-dinja tal-mediċina, u anki r-riformi soċjali, wasslu biex aktar nies bdew jgħixu ħajja itwal. Allura, ir-rata tal-imwiet kompliet tonqos.

---

34 Census 1957, Chapter 1, p. xlvii.

35 Census ' 85, vol. I. Meta wieħed jaqra r-rapport taċ-ċensiment tal-1985, jinduna bl-enfasi kbira li saret fuq naħa dwar il-bżonn li wieħed jagħmel ċensiment bl-ispjega tal-użu differenti li wieħed jista' jagħmel minn din l-għodda. Donnu kien hemm bżonn ġustifikazzjoni politika għala sar dan iċ-ċensiment. Fuq kollox, issir anki referenza għal kemm ġie jiswa dan iċ-ċensiment, jiġifieri 80,000 lira Maltin (p. 20). Jidher ċar li kien hemm min ra f'din in-nefqa ħela ta' flus. Fuq kollox, meta ssir id-diskussjoni dwar in-numru għoli ta' djar vojta, ikun hemm enfasi qawwija fir-rapport biex ikun spjegat dan il-fatt. Ir-raġuni prinċipali mogħtija kienet li dawn id-djar vojta kienu għall-użu ta' villeġġatura. Biss, fost il-postijiet fejn kien hemm numru għoli ta' propjetà vojta, insibu l-Mosta, li ma hux post ta' villeġġatura (p. 102 - 103). Fiż-żmien meta r-*requisition* ta' propjetà mhux dekontrollata tal-privat mill-gvern kienet għadha *in vigore*, dan in-numru kien juri ċertu staġnar ekonomiku għaliex kien hemm problema fil-bejgħ tal-propjetà. Id-domanda kienet għadha ma qabżietx il-bżonn. Fuq kollox, wieħed ma jistax jeskludi xi manumissjonijiet oħra biex tinħeba l-istampa eżatta tas-sitwazzjoni għal raġunijiet politiċi.

Biss, probabbilment, l-ikbar arma li se tintuża biex trażżan it-tkabbir tal-popolazzjoni, jew aħjar tar-rata ogħla tat-twelid tat-trabi, kienet dik li l-età taż-żwieġ bdiet bil-mod il-mod tiżdied, fenomenu li narawh dieħel sew fis-sittinijiet u jitkompla fis-snin ta' wara. L-introduzzjoni taċ-*children allowances* kellha sservi ta' mezz għall-kontroll tat-twelid, jiġifieri li tħajjar lill-koppji biex jillimitaw it-tfal għal tlieta. Naħseb li din il-miżura għolliet aktar milli naqqset il-fertilità tal-koppji miżżewġa, għaliex inkoraġġiet lill-koppji li jġibu sa tlett itfal minflok inqas! Infatti, mill-1948, id-daqs tal-familja ma' tantx varja. Fl-1967 kien ta' 3.96. Skont il-*Household Budgetary Survey* li sar fl-1980, id-daqs tal-*households* kien 3.80, waqt li fiċ-ċensiment tal-1985, dan niżel għal 3.3.[36]

Fil-livell demografiku, meta wieħed jitkellem li jżomm it-twelid f'livell ta' tliet ulied ikun qed jassigura li jżomm l-istess ammont ta' popolazzjoni mingħajr ma jikkawża tkabbir fiha.

Min-naħa l-oħra, il-politika tax-xogħol – anki dik tal-bini tad-djar – tispiċċa prattikament monopolju tal-istat. Anki jekk il-popolazzjoni żdiedet, il-bini battal kompla jikber waqt li issa n-nies inġenerali bdew joqogħdu f'*units* ħafna iċken minn qabel.[37] Il-kultura ġenerali kienet li tiskuraġġixxi l-intrapriża privata f'dan il-qasam sakemm imbagħad ikun hemm bdil totali tar-rotta fil-bidu tas-snin tmenin, grazzi fuq naħa għall-iskemi li ġew introdotti u fuq l-oħra għaliex numru ta' nies ħassewhom li kienu qed ikunu politikament esklużi milli jingħataw postijiet tal-Gvern, waqt li s-suq tal-kera kien ineżistenti. Dan kollu wassal biex ħafna aktar familji fittxew li jsiru s-sidien ta' djarhom.Minħabba f'hekk, numru ta' previżjonijiet li saru fl-1957 mhux talli ma ntlaħqux, talli ddewum b'aktar minn 20 sena, u kien biss riċentement li aktar nies qed jagħżlu li jibqgħu jaħdmu wara l-et'à tas-sittin sena, waqt li l-kambjamenti demografiċi wasslu anki biex bil-mod il-mod tibda tinbidel l-età tal-pensjoni. Ekonomikament, illum aħna mexjin biex il-pensjoni tibda tinħadem fuq ir-rata li għal kull persuna li taħdem hemm wieħed li jieħu l-pensjoni.

---

36 Census '85, vol. I, p. 94.
37 Census '85, vol. I, p. 99.

**Ħarsa lejn il-Preżent**

Iżda x'inhuma l-isfidi llum għal Malta meta l-popolazzjoni residenti laħqet l-416,055 ruħ fuq 317-il kilometru kwadru, jiġifieri għandha densità demografika ta' madwar 1,300 persuna għal kull kilometru kwadru? Anki b'popolazzjoni daqshekk kbira, xorta waħda Malta tibqa' kommunità żgħira f'nofs il-Mediterran. Iżda bħal kull komunità oħra tad-daqs tagħha, Malta għandha quddiemha sfidi demografiċi ġodda, kemm f'livell internazzjonali u wisq aktar f'dak lokali.Jekk il-gvernijiet tas-sittinijiet u tas-sebgħinijiet kellhom il-kriżi demografika kkawżata mill-*baby boom*, il-gvernijiet ta' wara d-disgħinijiet bdew bil-mod il-mod jaffaċċjaw il-problema demografika kkawżata mill-*baby crack*. Illum, ir-rata tal-fertilità f'Malta hija inqas minn dik Taljana.[38] Jekk wieħed ħaseb, kif kien jingħad fit-tmeninijiet – speċjalment fuq il-bażi tal-kritika Marxista – li t-tnaqqis tat-trabi fil-familja kien se jsolvi l-problemi ekonomiċi, dan ikkrea oħrajn ġodda. Kien jingħad, dik il-ħabta, li b'inqas tfal wieħed seta' jgħix ekonomikament aħjar. Illum, tletin sena wara, indunajna li din l-għajta Malthusjana għamlet is-sistema tas-*social welfare* kif ipproġettata minn Bismarck mhux aktar sostenibbli.

Quddiem il-fenomenu li l-fertilità qiegħda dejjem tonqos fl-Ewropa, numru ta' ekonomisti qegħdin jipprevedu aktar miżuri fiskali ħorox jekk l-Ewropa trid tibqa' żżomm is-*social welfare* li jeżisti bħalissa.

Fuq kollox, tibdil demografiku jkollu effetti ta' natura politika. Il-kambjamenti li qed naraw iseħħu fl-Afrika ta' Fuq huma anki ir-riżultat ta' tibdil demografiku. Kontra dak kollu li naħsbu, l-Afrika ta' Fuq illum tinsab għaddejja hija wkoll mit-transizzjoni demografika, u n-numru ta' familji li qed ikollhom numru iċken ta' tfal qed jiżdied u mhux jonqos ta' kull sena f'dan ir-reġjun. Għalhekk, l-għajta għal għajxien aktar diċenti u għal aktar drittijiet hija parti minn din it-transizzjoni demografika, għaliex b'inqas tfal, il-familji jistgħu fuq naħa jaqsmu r-riżorsi ekonomiċi u edukattivi aħjar. Fuq kollox, dan mhu xejn ġdid. 'L hekk imsejħa "rivoluzzjoni tal-1968" fi Franza u protesti oħrajn

38 Giovanna Da Molin u Angela Carbone, *Gli Uomini , il Tempo e la Polvere. Fonti e Documenti per una storia demografica italiana (secc. XV-XXI)* Cacucci Editore, 2010, p. 36. Ir-rata tal-fertilità fl-Italja u l-Ġermanja hija ta' 1.37. Malta u l-Portugall hija inqas u qiegħda .,33. Iżda hemm pajjiżi oħra b'rati inqas minn tagħna, bħall-Polanja, b'rata ta' 1.31 u r-Rumanija 1.30. L-inqas hija s-Slovakkja b'rata ta' 1.25.

simili bħal dawk li seħħew fost l-istudenti universitarji fl-Italja, għandhom l-istess għeruq demografiċi. Min-naħa l-oħra, fuq il-medda tas-snin, bħalma qed turi l-Ewropa, il-fenomenu ta' inqas tfal ifisser inqas żgħażagħ, u allura inqas xogħol għaliex ikun hemm inqas konsum.

## L-Aspett Ekonomiku

Fil-livell lokali, iż-żieda fil-popolazzjoni ġejja primarjament mill-fatt li matul dawn l-aħħar ħamsa u tletin sena, is-servizzi tas-saħħa komplew jissaħħu f'pajjiżna bir-riżultat li issa mhux biss il-persuni qed jgħixu aktar, iżda qed jirnexxilna ntawlu l-perijodu tax-xjuħija. Malta llum tinsab f'l-istess livell tal-Istati Uniti, fejn jidħol it-tbassir ta' kemm persuna tista' tgħix (*life expectancy*), jiġifieri l-medja hija ta' madwar tmenin sena.

Iżda dan qed iġib problemi ġodda. L-ewwel hemm id-diskussjoni ta' natura soċjali u magħha qed tiżdied dik ta' kemm is-servizzi soċjali se jibqgħu sostenibbli fil-futur. Fl-ewwel każ tidħol it-teorija magħrufa bħala *the-empty-nest concept*. Minħabba ċ-ċokon fid-daqs tal-familja – li bdejna narawha tidħol fis-seħħ mis-snin ħamsin 'il quddiem – din l-amministrazzjoni, u wisq aktar dawk futuri, se jkollhom aktar xjuħ li se jispiċċaw jgħixu waħidhom (*empty nest*). Fl-1985, il-persuni li jgħixu waħidhom kienu jagħmlu 13.4 tal-*households* Maltin. Skont l-aħħar ċensiment li sar din is-sena, dan il-perċentaġġ tela' għal 24%; biss, fir-realtà, dan jista' anki qed ileħħaq l-34.4%. Dan ifisser ukoll li għandek 8.66 % tal-popolazzjoni tgħix waħidha, waqt li għandek 1.2% tal-popolazzjoni tgħix f'xi istituzzjoni.[39]

It-tieni aspett jiffoka fuq it-teoriji ġodda ta' natura neo-Malthusjana, fosthom dik ta' Garrett Hardin, li titkellem dwar "*The Tragedy of the Commons*". Din it-teorija tgħaqqad l-ekologija mal-ekonomija u l-isfruttar tar-riżorsi

39 Skont l-aħħar statistika proviżorja, in-numru ta' *households* privati hu 150,051. In-numru ta' dawk li jissejħu *one-person household* (irrelevanti ta' liema età) jammontaw għal 36,022; in-numru ta' persuni li jgħixu waħidhom u li għandhom l-età ta' aktar minn 60 sena, hu 18,127. In-numru ta' *households* li fihom aktar minn membru wieħed, iżda li wieħed jew aktar minn dawn il-membri għandhom 'il fuq minn sittin sena, jammontaw għal 18,920, fuq total ta' 39,673 individwu. In-numru ta' persuni fl-età 'l fuq mis-sittin sena u li jgħixu f'xi istituzzjoni jammonta għal 5,018.

naturali minn pajjiżi tat-Tielet Dinja, fejn it-transizzjoni demografika għadha fil-bidu tagħha. Dawn it-teoriji jdur mal-idea prinċipali li d-dinja hija xi forma ta' *spaceship*. Mhux ta' b'xejn li meta qed jingħadu dawn it-tipi ta' diskorsi fil-kamp politiku lokali, aktar iva milli le, qed ikunu teoritiċi iżda fil-istess ħin deterministiċi. Fi kliem aktar sempliċi, il-fatt qed jitlaq mit-teorija, aktar milli t-teorija qed tinbena fuq il-fatti.Il-kunċett li wieħed jista' jafda fuq l-istat għall-bżonnijiet kollha tiegħu kien żbaljat. Din l-idea hija inparti espressa minn Garrett Hardin. Dawk l-istati li ppruvaw, bħal ma rajna fis-sebgħinijiet f'pajjiżna, li jagħtu kollox liċ-ċittadini tagħhom, spiċċaw mikula mill-burokrazija li din is-sistema kkreat; biss, l-ikbar sfida ġejja min-nefqa soċjali li kull ma tmur se tikber aktar mal-popolazzjoni issir aktar anzjana. Is-suċċess jinsab fl-element tal-għaqal fit-tmexxija u fil-fatt li l-leġiżlatur ma jibżax jieħu dawk il-miżuri li mhux bil-fors ikunu popolari.

Fl-ewwel livell hemm dak tal-pensjonijiet. Matul dawn l-aħħar snin rajna miżuri fejn, biex ikunu salvati l-pensjonijiet, kien hemm bżonn li tiżdied l-età tal-pensjoni - miżura li ġa ttieħdet. Biss, iż-żieda fil-persuni anzjani se tkompli ġġib sfidi aktar fil-qasam tas-saħħa. Dawn is-servizzi jridu jkomplu jsiru aktar personalizzati u ffukati. Għalhekk, il-qasam tal-kura tal-anzjani se jkompli jikber, mhux biss f'termini ta' *nursing*, iżda wkoll f'termini kulturali u soċjali. Wieħed jinnota b'sodisfazzjoni li Malta hija fuq quddiem f'dan il-qasam, u ċerti inizjattivi li jiena kelli ċ-ċans immexxi 'l quddiem – bħal ma huma dawk fis-settur tal-*Performing Arts* fl-Università – qed iwasslu biex issa qed ikun studjat aħjar kif l-anzjani tagħna jistgħu jibqgħu jħossuhom aktar parti mis-soċjetà Maltija permezz tal-kultura.

Ngħidha b'wiċċi minn quddiem li jien ma jiniex wieħed minn dawk li jiffavorixxu t-teorija ta' Hardin, anki jekk wieħed irid jirrikonoxxi li dak kollu espress ma jfissirx li ma għandux valur akkademiku. Anzi, il-provokazzjoni tal-ħsieb hi importanti ħafna. Waqt li fil-livell teoritiku, bħal kull teorija oħra, din għandha l-valur tagħha, fil-livell prattiku qed twassal għal aktar sofferenzi, speċjalment fost dawk li huma żvantaġġati fis-soċjetà tagħna. Ikun ħażin ħafna meta l-politiċi jew l-ekonomisti jieħdu l-opportunità ta' dawn it-teoriji ġodda biex iqisu lill-ħaddiema bħala kumdità ekonomika. Meta xi politiku jagħmel hekk, ikun qed jirriskja bil-kbir.Il-Gvern irid ikompli jaħdem ħalli s-suq tax-xogħol ikompli jsir aktar wieħed ippersonalizzat, waqt li jibqa' jinkoraġġixxi r-ristrutturar tal-industrija

fejn meħtieg. Il-*unions* u l-gvern iridu jaħdmu aktar ħalli jneħħu kull ostaklu f'dak li għandu x'jaqsam mal-mobbiltà tal-ħaddiema. Il-politika fil-qasam tax-xogħol trid tkompli tkun waħda li tiffavorixxi l-flessibbiltà – fattur li qed jittieħed bis-serjetà minn din l-amministrazzjoni.Jekk fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet, il-prijorità kienet il-bini tal-fabbriki u l-ħolqien ta' korporazzjonijiet parastatali biex joffru x-xogħol liż-żgħażagħ, l-isfidi l-ġodda jinsabu ġejjin minn dawk li jissejħu *labour redundancies*, u x'uħud minnhom huma wirt mhux-mixtieq ta' dawn l-inizjattivi passati. Kull ma jmur, dawn se jiżdiedu, bir-riżultat li l-qgħad fost ċerti kategoriji ta' nies hu ddestinat li jikber waqt li fl-istess ħin, ċerti *labour costs* iridu jitbaxxew biex wieħed jibqa' kompetittiv, bir-riżultat li aktar u aktar ħa nduru għal dak li hu magħruf bħala *cheap labour*, li bħalissa qed ikun ipprovdut mill-immigranti li hawn fostna. Għalhekk hemm bżonn li titkompla t-transizzjoni lejn dawk li jissejħu "*knowledge-intensive societies*". Il-ħolqien tax-xogħol se jsir aktar magħqud mal-kunċett tal-innovazzjoni. F'ċerti setturi, il-qgħad se jkun qed jiżdied fuq naħa, waqt li se jkun hemm *labour shortages* f'oqsma oħrajn. Quddiem il-fatt li hemm pajjiżi li għadhom ma daħħlux fit-transizzjoni demografika, wieħed jistenna żieda fl-immigrazzjoni minn dawn il-pajjiżi. Għalhekk, id-dilemma soċjali se tkompli tikber.

F'dan il-kuntest, ippermettuli nagħmel riflessjoni fuq il-proċess sħiħ tal- migrazzjoni. Kif għidt fl-introduzzjoni tiegħi, l-emigrazzjoni tal-Maltin kienet ġiet diskritta b'mod negattiv fir-rettorika politika tas-sittin u s-sebgħinijiet. Fuq naħa, kif anki ppruvajt nuri, ma naħsibx li dan kien ġust, u wisq nibża' li dan il-fatt ikkrea ambjent ostili lejn dan il-fenomenu, u dan beda jkun espress fil-livell ta' poplu diġà fis-sebgħinijiet, meta kellna l-wasla f'pajjiżna ta' komunitajiet ġodda barranin mill-Afrika ta' Fuq; u jiddispjaċini ngħid li dan għadu magħna sal-lum, bħal ma juru diskorsi ta' natura xenofobika li ta' spiss nisimgħu f'pajjiżna.Il-liġi Newtonika tal-fiżika tgħodd hawn ukoll. Għal kull azzjoni, hemm azzjoni oħra li hija ugwali u opposta. Jekk it-tkabbir fl-popolazzjoni wassal għall-emigrazzjoni, illum, ġustament, għandek numru ta' ekonomisti u storiċi li qed jaraw f'dan il-fattur is-salvazzjoni ta' pajjiż, mhux għax qed tkun qed teħles minn popolazzjoni żejda, iżda għaliex permezz tal-emigrazzjoni – jew aħjar il-migrazzjoni inġenerali – infetħu l-imħuħ, saru l-kuntatti, u l-pajjiż kiber ekonomikament, soċjalment u kulturalment. Fil-livell ekonomiku, Malta diġà bdiet tibbenefika minn dan meta numru ta' emigranti, b'mod partikulari Għawdxin, iddeċidew fil-bidu ta' nofs is-sebgħinijiet, jirritornaw, mhux biex isibu x-xogħol, iżda biex jirtiraw fir-raħal li meta

kienu żgħar ħarġu minnu wara s-suċċessi li kisbu f'art barranija.[40] Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fir-rata tat-twelid għandu żvantaġġi ekonomiċi, u jiena ninsab ċert li l-immigrazzjoni irregolari li għandna mill-Afrika, u forsi oħrajn aktar regolari minn pajjiżi oħra, qed jgħinuna negħlbu dawn l-isfidi l-ġodda.

Dawn it-tibdiliet ekonomiċi kollha qed iseħħu f'komunità ta' ftit aktar minn 400,000 persuna. Kif ġie nnutat minn studjuż tal-ekonomija lokali, qed jikber sentiment f'din il-komunità tal-kultura tas-supermarket; hawn xi wħud li qed jgħixu d-diżillużjoni li l-ħajja hija supermarket fejn wieħed jista' "jagħżel u jieħu biss dak li jogħġbu" mingħajr obbligi u rbit li dawn l-għażliet iġibu magħhom. Dan qed jimmanifesta ruħu mhux biss fit-twemmin reliġjuż (kif se jkolli ċ-ċans nispjega aktar 'l isfel), imma wkoll f'dawk li huma kostumi soċjali u ekonomiċi tagħna. Dan it-tip ta' mġiba ma hux tenibbli fid-dinja reali.[41] Jekk wieħed iħares lejn ċerti prassi tax-xogħol, bħal ma kienet l-idea stess ta' *"job security"*, qed nindunaw li bil-mod il-mod, din l-idea qed tinqata' mill-kultura tax-xogħol anki f'pajjiżna. Minflok, issa mexjin lejn kultura ġdida, dik ta' *"career security"* li titlob responsabbiltajiet u ħiliet ġodda. Din it-transizzjoni tintlaħaq biss permezz tal-edukazzjoni.

**Il-Qasam Edukattiv**

Dan it-tibdil demografiku qed joffri wkoll sfidi ġodda lill-qasam edukattiv. Fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet, l-isfida kienet li nibnu aktar skejjel ħalli n-numru kbir ta' tfal li kien hawn f'dik il-ħabta jkollhom fejn jitgħallmu. Allura, l-enfasi kienet fuq il-kwantitá. Minkejja l-fatt li t-tfal qed jonqsu, illum xorta waħda qegħdin nibnu skejjel ġodda, mhux b'kapriċċ, iżda biex uliedna jkollhom ambjent ta' tagħlim aħjar. L-enfasi issa qiegħda fuq il-kwalità. Iżda din mhix l-unika sfida demografika għall-edukazzjoni ta' pajjiżna. F'dawn l-aħħar snin diġà twettqu numru ta' riformi fis-sistema tat-tagħlim u t-taħriġ, waqt li qegħdin jiġu identifikati dawk l-ħiliet li se jkunu meħtieġa fil-futur. Dan ifisser li qed jiġu kkreati opportunitajiet magħrufa bħala *"Lifelong-learning opportunities"*.

40 Census 1985, vol. I, p. 14.
41 Emanuel P. Delia, *Catholic Social Teaching Economic Thought and Four Hundred Thousand Maltese*, APS Bank, 2010, p. 14.

Biss, għad fadal xi jsir. Il-Gvern irid ikompli jinkoraġġixxi l-mobbiltà tal-istudenti għal skopijiet ta' studju. Għalhekk irridu naħdmu aktar favur ir-rikonoxxenza tal-kwalifiċi akkademiċi fuq livell Ewropew. Fl-istess waqt, trid tkompli tikber il-flessibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mal-validità tal-kompetenzi, kemm f'Malta u wisq aktar fl-Ewropa. Irid jitkabbar l-investiment fl-ICT u jkomplu jiġu żviluppati l-*e-learning platforms*. It-tagħlim tal-lingwi barranin irid jibqa' jingħata l-importanza waqt li jikbru l-istudji fil-qasam soċjali u dawk tal-intrapriża.L-iskejjel tagħna jridu jkomplu bil-proċess biex jinbidlu minn postijiet tat-taħriġ (*training centres*) għal postijiet miftuħa ta' tagħlim (*open-learning centres*). Dan kollu jrid isir, imma, mhux bi ħsara għat-tagħlim umanistiku jew xjentifiku. Il-viżjoni tal-edukazzjoni tagħna trid tibqa' waħda ħolistika.

Hu ta' pjaċir ninnota l-impenn tal-Gvern favur is-sistema tal-istipendji. F'dan il-qasam, Malta addirittura antiċipat u qed toffri sistemi aħjar minn dak li qed ikun issuġġerit fuq livell Ewropew meta qed ikun enfasizzat biex jiddaħħlu sistemi ta' għotjiet ta' flus (*study grants*) u self garantit (*guaranteed loans*) ħalli aktar żgħażagħ fl-Ewropa jitħajru jkomplu bl-istudji tagħhom.[42]

Biss, Malta ma għandhiex taħseb li għaliex qed tagħmel dawn il-miżuri, tista' sserraħ rasha. Il-ħidma trid tibqa' għaddejja għaliex għad hemm ħafna xi jsir biex jonqsu dawk li jitilqu mill-iskola kmieni. Iżda f'dan il-qasam, il-problema mhux bil-fors qiegħda fis-sistema edukattiva li għandna.Nixtieq ninsisti dwar l-importanza li nuru l-wiċċ uman wara l-figuri tal-istatistika. Hija ħaġa li wieħed jitkellem dwar in-numru tal-istudent,i u hija ħaġa oħra li jidentifika dan in-numru bħala suġġett ta' *policy*. L-importanti mhux in-numru fl-istatistiċi, iżda n-nies wara dawn in-numri. Jekk le, inkunu qed nagħmlu politika tal-*calculator*! F'dan il-każ huwa importanti li jkunu identifikati z-zoni u/jew il-*background* soċjali wara dawn iż-żgħażagħ li qed jaqgħu f'dan il-marġini ta' falliment edukattiv. Nammetti li ma għandix l-istatistika, iżda ninsab żgur li aktar milli għandna problema fis-sistema tal-edukazzjoni tagħna, wisq nibża' li għandna problemi li joħolqu kriżijiet soċjali jew emozzjonali fi ħdan numru ta' familji tagħna.

---

42 "Centre d'analyse stratégique Reviving the Social Dimension of the European Political Project", *What Econmic and Social Model for Europe? Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance 2008, p. 187

Ma għandix dubju li teżisti relazzjoni bejn dawn it-tfal u l-familja li jkunu telgħu fiha, u r-riżultati li ħerġin minn stħarriġ Ewropew jgħoddu wkoll għal Malta. Fl-Ewropa, il-familji b'ġenitur wieħed qegħdin f'riskju aktar għoli ta' faqar u qegħdin aktar f'riskju li t-tfal tagħhom jitilqu kmieni u mingħajr kwalifiċi mill-iskola.[43] Imbagħad hemm anki faqar ieħor ġdid, dak emottiv, li hu aktar diffiċli li tindirizza, għaliex ħadd u xejn ma jista' jieħu post l-omm u l-missier. Fuq livell lokali, l-istatistika diġà tindika li dawk il-familji li kellhom l-esperjenza negattiva ta' firdiet u separazzjonijiet jaraw is-suċċess ta' wliedhom aktar fl-akkumulazzjoni taċ-ċertifikati milli fis-support uman u fl-imħabba. Dawn ġew relegati għat-tieni pożizzjoni.[44]

## Familja Aktar B'Saħħitha

Quddiem dawn l-isfidi l-ġodda demografiċi, jiena ninsab konvint li l-leġiżlatur preżenti qed jagħti importanza u aktar poteri lill-familja. Pjuttost, il-kritika li normalment issir minn wara l-kwinti lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi hija, kif jgħidu bl-Ingliż, li xi drabi Lawrence Gonzi *"misses the wood for the trees"*.L-Uffiċċju tal-Prim Ministru jiġi akkużat li qed jintilef isolvi każijiet soċjali individwali ta' nies li ġenwinament inqabdu fil-ingranaġġi tal-burokrazija, aktar milli jiffoka fuq *policies* ġenerali. Din ix-xorta ta' kritika hija finalment ispiratata mit-teoriji Neo-Malthusjani. Naħseb li l-fatt li l-Prim Ministru Lawrence Gonzi ġej mill-qasam soċjali kien strumentali biex għen ħalli l-kriżi ekonomika ta' bħalissa ma jkollhiex l-effetti diżastrużi kif ġara f'pajjiżi qrib tagħna fil-faxex l-aktar debboli tas-soċjetà. Għalih, il-politika tal-inklużjoni ma tasalx sa *policy* mingħajr wiċċ uman, iżda jekk hemm bżonn tinżel sal-individwu ħalli fejn ikun hemm il-bżonn, l-esklużjoni soċjali tinqala' mill-għeruq. Dan m'iniex ngħidu b'sens ta' tifħir lejn dan il-gvern jew lejn il-Prim Ministru tiegħu, iżda ninsab konvint li qed nagħmel riflessjoni storikament korretta. Jekk dan il-gvern – u kwalunkwe gvern ieħor – jaħseb li għandu quddiemu sitwazzjoni faċli, se jgħarralu.

43 Jean François Trogrlic, "Does the Euorpean Development Model Have a Future in Globalisation?" *What Economic and Social Model For Europe? Collection Penser l'Europe*, CultureFrance, 2008, p. 148.
44 Delia, p. 160.

Jekk il-Gvern ta' Borg Olivier affaċċja l-problema tal-*baby boom*, il-gvernijiet futuri se ikollhom jaffaċċjaw dejjem aktar il-problemi kkawżati mill-*baby crack*.

F'Malta (iżda mhux biss), il-familja kienet forza ekonomika prinċipali li għenet komunitajiet żgħar, speċjalment dawk li jabitaw fuq gżejjer, joħorġu mill-kriżijiet ekonomiċi tagħhom. Il-familja għadha b'saħħitha f'Malta, u naħseb li dan qed jgħin lil dan il-pajjiż jegħleb il-kriżijiet ekonomiċi li kellna dan l-aħħar fl-Ewropa. Dan l-element għen lil din il-gżira toħroġ minn dawn id-diffikultajiet wara pajjiż kbir bħall-Ġermanja.B'dan it-tibdil fil-valuri tal-familja wieħed jistaqsi x'inhu l-futur politiku u ekonomiku għal pajjiżna. Jekk Malta se tabbanduna lill-familja, il-futur ma tantx hu sabiħ. Naħseb li nkunu qed anki nissugraw l-eżistenza tal-istat tagħna. Irridu jew ma rridux, il-familja se tibqa' fattur determinanti għal stat żgħir bħal tagħna. Huwa grazzi għall-valuri ta' familja b'saħħitha li l-klassi medja Maltija għożżot fil-passat, li Malta setgħet tiżviluppa ekonomija tagħha, tmexxi 'l quddiem politika u ġġib l-indipendenza ta' pajjiżna.Għalhekk, kif rajna, f'Malta għandna soċjetà li kull ma tmur qed tixjieħ; fl-istess ħin qed dejjem jissaħħu mudelli ġodda u differenti ta' familji. Malta tagħmel sew li tirrikonoxxi dawn ir-realtajiet il-ġodda u l-aspirazzjonijiet differenti tagħhom, fl-istess ħin il-pajjiż ma għandu xejn x'jirbaħ meta jifformula strateġiji ambigwi f'dawk li huma l-*policies* li jaffettwaw lill-familji u liż-żagħżagħ tagħna.

It-tibdil imgħaġġel li qiegħed iseħħ fi ħdan il-familja Maltija qed iwassal għal realtajiet ġodda. Il-kunċett tad-divorzju ma għadux aktar ripunjanti, anki jekk ikun żball li naħsbu li ma kinux jeżistu forom oħra fil-passat li kellhom l-effett soċjali bħad-divorzju. Id-divorzju hu biss sistema oħra ta' *"re-marriage"*, bħal ma hu, per eżempju, l-annullament, kemm ekkleżjastiku jew dak ċivili. Il-problema futura mhux se tkun id-divorzju fih innifsu, iżda l-liġi l-ġdida li saret u li se żżid in-numru ta' familji fil-marġni tal-faqar. Hija tal-mistħija li jkollok Partit li jiftaħar li hu Soċjalista u jitħalla jitmexxa minn imnieħru biex bl-iskuża tad-divorzju, in-neo-Malthusjani jibdew iħottu l-istat soċjali u s-sistema tal-pensjonijiet. Illum, il-pensjoni ma għadhiex aktar waħda bażika u universali għaċ-ċittadini kollha ta' din il-gżira. B'din il-liġi tad-divorzju, persuna – kemm jekk hija raġel jew mara – li tiddeċidi li tibqa' d-dar biex tieħu ħsieb il-familja, iżda mbagħad tiddivorzja, tkun tilfet id-dritt għall-pensjoni. Dan hu l-veru żmantellament tal-istat soċjali li nbena fis-sebgħinijiet, għaliex issa aċċettajna l-fatt li parti mis-soċjetà Maltija ma

għadx għandha d-dritt aktar għall-pensjoni. Minflok, bdejna ndaħħlu l-kunċett ta' pensjoni privata bħala sostitut għal dik tal-gvern. Ma hemmx dubju li bid-dħul ta' liġi bħal din, dawk il-familji jew persuni li jispiċċaw fil-marġni tal-faqar huma ddestinati li jiżdiedu.

Dan juri l-bżonn ta' aktar programmi ta' inklużjoni soċjali, waqt li trid tkompli tingħata attenzjoni partikulari lill-familji b'ġenitur wieħed, għaliex dawn huma aktar f'riskju ta' faqar. Min-naħa l-oħra, il-gvern irid ikompli jinkoraġġixxi lill-koppji li jixtiequ li jkollhom it-tfal. Nieħu gost nara li l-*marternity leave* żdied għan-nisa tqal li jaħdmu f'pajjiżna. Meta qed nagħmlu dan, aħna qed insegwu anki l-mudelli Ewropej. Wieħed għandu jiftakar li pajjiżi kbar bħal Franza joffru miżuri ta' sustenn għall-familji msejħa numerużi, jiġifieri dawk minn tlieta 'l fuq. Jekk il-kriżi ekonomika tibqa', din se tkun is-soluzzjoni aħħarija, għaliex familji numerużi aktar jaħdmu u jirsistu biex joħorġu mill-istat ta' faqar li jkunu fih u jilħqu sitwazzjoni ta' kumdità relattiva. Il-futur ta' kull pajjiż jinsab fid-demografija tiegħu.

Mhux ta' b'xejn li d-deklin fil-mudell tal-familja tradizzjonali qed ikun akkumpanjat bit-tisħiħ tal-individwaliżmu, waqt li jonqos l-element tas-solidarjetà. Illum, aktar minn qatt qabel, il-kunċett tas-solidarjetà lejn min hu l-aktar dgħajjef irid jibqa'. Dan qed isir aktar importanti, meta s-soċjetà tagħna, bħal soċjetajiet oħrajn Ewropej, qed issir aktar multi-etnika.Bħala soċjetà, aħna għandna naħdmu aktar biex l-immigranti u l-familji tagħhom ikunu integrati fis-soċjetà tagħna. Min-naħa l-oħra, l-ugwaljanza bejn is-sessi trid tkompli tiġi msaħħa. Il-parteċipazzjoni għolja tat-tfajliet li qed isegwu korsijiet Universitarji hija d-direzzjoni t-tajba biex jintlaħaq aħjar dan il-għan. Waqt li saċ-ċensiment li sar fl-1985, il-medja kienet favur s-subien,[45] illum, seba' għoxrin sena wara, għandna aktar bniet li qed ikomplu jistudjaw minn subien. Dan ifisser, li fil-futur se jkollna inverżjoni fit-tendenzali, fost l-oħrajn, il-livell tal-illitteriżmu se jkun ogħla fost is-subien milli fost il-bniet.Fl-Ewropa, il-kriżijiet li hemm fil-qasam ekonomiku qed iwasslu biex tiżdied l-inugwaljanza fost dawk li qed ifittxu x-xogħol. Jekk l-indikazzjonijiet jibqgħu kif inhuma, f'Malta, din l-inugwaljanza se tkun kontra s-subien. Normalment, sitwazzjonijiet ta' inugwaljanzi ta' kull xorta

45 *Census' 85*, vol. I, p. 79.

jwasslu għal problemi differenti ta' vjolenza. Il-fatt li l-vjolenza kriminali hija kważi ineżistenti f'Malta huwa ċertifikat li l-politika inklussiva tal-Gvern qiegħda tilħaq il-miri tagħha.

**Is-Sekularizzazzjoni tal-Gżira**

It-trijonf tax-xjenza pożittivistika qed iwassal biex ir-reliġjon ma tibqax titqies bħala valur fl-Ewropa. Il-kunċett tal-morali qed jitwarrab mill-ħsieb liberu. Il-ħsieb liberu qed ikun aktar u aktar diskuss qisu xi ekwitazzjoni ekonomika. Mingħajr m'aħna qed nindunaw, kulfejn qed iseħħ dan kollu, il-libertà qed tispiċċa wkoll tiġi mkejla qisha magna. Dawn l-ideat insibuhom jikbru fost is-soċjetajiet li daħħlu fit-transizzjoni demografika, iżda huma inqas qawwija fost dawk li għandhom is-sesswalità tagħhom issegwi mudelli hekk imsejħa tradizzjonali. Kif innutat tant tajjeb Katarina von Bülow, il-ġenerazzjonijiet il-ġodda tal-*baby crack* Ewropew ma jafux x'inhi l-kruha tal-gwerra, u dan qed iwassal biex bil-mod il-mod qed tikber il-kultura tal-odju, tal-faqar u tal-intolleranza.[46] Fuq livell ta' storja tal-familja fl-Ewropa, dan kien diġà jidher ċar fi tmiem is-seklu dsatax, u r-riżultati empiriċi jwasslu lill-ħassieb Émile Durkheim (anki jekk għal raġunijiet oħra) biex jara fis-soċjetijiet futuri, it-tisħiħ tal-morali individwali u t-tkabbir tal-kult tal-persuna.[47]

Hu ta' interess li dan kollu qed iseħħ meta l-prattika reliġjuża qiegħda tkun attakkata b'mod sistematiku u l-valuri tradizzjonali tal-familja qed ikunu rredikolati. B'mod awtomatiku, magħhom imbagħad naraw jonqos ir-rispett lejn l-awtorità. Dawn il-valuri qed jintiflu fi żmien meta ħafna ma għadhomx jaraw relazzjoni bejn il-qligħ ekonomiku u l-benefiċċji soċjali.Anki meta wieħed jitkellem dwar il-libertà sesswali, li saret parti mid-dinja l-ġdida hekk imsejħa liberali, qegħdin niskopru paradossi ġodda li żgur se jilħqu lil Malta. Waqt li s-sess qabel iż-żwieġ qed

46 Katarina von Bülow, "Investigating Identity: A Personal Account", *Identity and Memory, Collection Penser l'Europe*, Culturesfrance, 2008, p. 97.
47 Émile Durkheim, *Sociology and Philosophy* Translated by D.F. Pocock with an Introduction by J. G. Peristiany, Routledge, 2010.

dejjem jiżdied, fiż-żwieġ, il-koppji qed ikollhom fertilità baxxa. Fil-passat, kif diġà spjegajt, il-fertilità baxxa kienet magħquda mad-desiderju li ċ-ċittadini Ewropej ikollhom kontroll fuq it-twelid tat-trabi. Studju riċenti ppubblikat mill-*European Science Foundation* wera li t-transizzjoni demografika ġabet waqgħa fil-popolazzjoni, li qed issa tirriżulta anki f'fekondità aktar dgħajfa u fi tnaqqis fil-libidini sesswali. Jekk wieħed irid juża l-prinċipju ssorpassat tar-razza, li tant kien popolari fis-seklu dsatax, allura r-razza Ewropea qiegħda ssir aktar bijologikament dgħajfa u qed tevolvi lejn l-estinzjoni.

Iżda dawk li qed jaħsbu li s-sekularizzazzjoni tal-gżira hija s-soluzzjoni tal-futur qegħdin biss idaħħlu lil Malta f'ħajt. B'dan, jiena m'iniex infisser li Malta trid issir (meta qatt ma kienet) xi stat teokratiku. Malta tal-futur trid tkun pajjiż aktar kożmopolitan, post-nazzjonalistiku u multi-kulturali. Dawn huma l-elementi li saru sinonimi mat-tolleranza, mal-effettività u mal-leġittimità demokratika.[48] Dan il-ħsieb politiku qed ikun kontrapost minn dak tad-dinja liberali, fejn jiddominaw l-elementi tal-individwaliżmu u tat-transnazzjonaliżmu. F'dawn l-ispazji l-ġodda li qed jinħolqu, bla ma nindunaw ma nsibux spazju għall-idealiżmu taż-żgħażagħ. Ir-reliġjonijiet, u fl-Ewropa, il-partiti politiċi oriġinaw fuq dan il-kunċett, kienu jagħtu dan l-ispazju. Ir-religjon (u magħhom anki l-partiti politiċi) kibru, grazzi għal dawk iż-żgħażagħ li kellhom fi ħdanhom ideali radikali. Għalhekk seta' jikber il-kunċett taċ-ċittadin.Illum, dan il-kunċett kiber tant li spiċċajna nitkellmu fuq gradi ta' ċittadini differenti. Hemm iċ-ċittadinanza politika u hemm iċ-ċittadinanza ekonomika u soċjali. Kif diġà wera tant tajjeb il-falliment tal-Komunizmu, l-ekonomija waħidha ma tistax tagħti risposta soċjali. L-istat soċjali – u dan rajnieh ikun esperimentat f'Malta matul is-sebgħinijiet u t-tmenijiet – ma jikkreax identità. Il-fatt li wieħed qed jipparteċipa fl-istess sistemi soċjali u ekonomiċi ma huwiex biżżejjed biex jgħaqqad poplu.

Bħala partit li jħaddan il-ħsieb Demokristjan, jiena nemmen li l-Partit Nazzjonalista għandu jkompli jsaħħaħ l-ħsieb soċjali b'miżuri favur il-familja u jibqa' juri kuraġġ kontra kull teorija neo-Malthusjana. Il-kejl ekonomiku ma għandux jibqa' biss skont il-bażi tal-individwu jew tax-xogħol, bħal mal-kunċett tal-*minimu wage* jitlob, iżda

48 Ulrich Beck, "Understanding the Real Europe: A Cosmopolitan Vision", *Diversity and Culture Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance, 2008, p. 126.

jeħtieġ nitkellmu aktar dwar x'għandu jkun id-dħul minimu għall-familja jew dak li qed jissejjaħ bħala l-minimu soċjali.[49]

## Tmiem tal-Ħsieb Illuminista

It-tamiet ikkreati matul il-perijodu tal-Illuminiżmu, illum qed jaslu fi tmiemhom. L-illuminiżmu ikkrea illużjoni li l-umanità tista' tibqa' dejjem timxi 'l quddiem għall-aħjar. Fost numru ta' studjużi, din l-idea, addirittura, ma għadhiex teżisti. Diskors bħal dan jidħol sew fid-diskors neo-Malthusjan, anki jekk wieħed irid jiftakar li Malthus ukoll hu prodott tal-Illuminiżmu. Ma hix l-idea tiegħi, iżda, li nikkrea paradossi. Biss, nixtieq nuri x'inhuma wħud mill-ħsibijiet li se jkunu qed jagħġnu l-ħajja tagħna tal-futur. Meta xi studjuż bħal Hans Jonas jafferma fil-ktieb tiegħu *The Imperative of Responsibility*,[50] li l-wegħdiet magħmula matul is-sekli dsatax u għoxrin permezz tat-teknologija moderna, illum inbidlu f'theddida, wieħed jista' jaħseb li dan it-tip ta' diskors jidħol fil-paradigma Malthusjana. Għal Malthus, iżda, it-theddid lit-tkabbir tal-popolazzjoni kien pożittiv, għaliex kien ifisser it-tisħiħ tar-razza umana. Illum, dan it-theddid lill-popolazzjoni qed jinqara b'lenti negattiva, u allura hawn fejn ma huwa xejn Malthusjan.

Jonas juri li x-xjenza llum tista' wkoll tkun ta' theddida għall-bniedem. L-eqwilibriju passat bejn l-ispeċi umana u n-natura nkiser. Għalhekk, anki l-iżvilupp fl-ispeċi umana hu f'riskju.[51]

Fil-passat, il-progress kien dejjem moqri f'termini ta' żvilupp. Illum, dan it-terminu qed isir aktar u aktar ambigwu. Il-progress ma għandux garanzija ta' tibdil għall-aħjar. Fil-livell lokali, diġà ċ-ċensiment tal-1985 irrikonoxxa li

49 Delia, p. 148.
50 Hans Jonas, *The Imperative of Responsibility: In Search of an Ethics for the Technological Age*, University of Chicago, 1984.
51 Myriam Revault d'Allonnes, "The Philosophical Implications of Sustainable Development", *Collection Penser l'Europe Europe and Sustainable Development*, Centre d'Analyse et de Prévision, 2008, pp. 139.

l-iżvilupp urban f'Malta li sar wara l-1971 kien wassal għal "*sprawling building patches*" u li "*whole suburbs have surfaced and the previous landscape is no longer recognisable.*"[52] Fil-livell internazzjonali, it-teknologija ħarbet minn idejn il-ħallieq tagħha, saret waħda selvaġġa, u hemm min isostni li għandha tkun immansata. Myriam Revault d'Allonnes tinsisti li l-bniedem qiegħed fil-periklu fid-dinja li qed jgħix fiha, bir-riżultat li l-umanità nnifisha qiegħda issir dejjem aktar fraġli.[53]

Fi kliem Hans Jonah, illum, aktar minn qatt qabel, hemm bżonn li tiġi stabbiltà etika ġdida u tkun riorganizzata n-nozzjoni tar-risponsabbiltà. Hemm bżonn li nkunu aktar risponsabbli għat-tip ta' dinja li aħna rridu nħallu warajna. Għalhekk, ir-responsabbiltà mhix xi ħaġa individwali, iżda dmir kollettiv. Aħna rridu nkunu risponsabbli għall-azzjonijiet tagħna nfusna. F'dan il-punt, Ġorġ Borg Olivier wera viżjoni kbira meta daħħal il-kunċett tal-wirt komuni. Finalment, dan hu l-wirt komuni, ir-risponsabbiltà' kollettiva. Aħna naqsmu d-dinja tagħna mal-ġenerazzjonijiet passati li llum ma għandhomx magħna; iżda wkoll irridu naqsmu din l-istess dinja ma' dawk li għad iridu jiġu warajna u li twieldu jew li se jitwieldu minna. Għalhekk, ir-risponsabbiltà tagħna bħala kollettiva hija x'tip ta' dinja aħna se nħallu warajna.

Hawnhekk tidħol l-isfida tas-sostenibbiltà. F'popolazzjoni li dejjem qed tonqos suppost li din il-problema tkun mirbuħa. Biss, fl-istess ħin, din il-popolazzjoni spiċċat tikkonsma aktar minn dawk kollha li ġew qabilha.Matul is-snin disgħin smajna u tkellimna fuq l-isfidi l-ġodda li l-iżvilupp iġib miegħu f'dinja li kull ma tmur kienet qed issir globalizzata. Illum, qegħdin nitkellmu aktar dwar teoriji ta' żvilupp sostenibbli bħala risposta għall-problemi tal-globalizzazzjoni. Xi drabi, fil-kamp internazzjonali, dawn iż-żewġ teoriji jitħawdu flimkien. Hemm min saħansitra qed jitkellem dwar il-possibbiltà ta' kunflitti ġodda għaliex l-isfruttar tar-riżorsi naturali fuq livell mondjali ma jistax jibqa' sejjer għal dejjem. F'dan il-kuntest, kien hawn min tkellem f'termini tal-kritika Marxista dwar gwerer bejn l-istati kapitalisti.[54]

---

52 Census '85, vol- I, p. 99.
53 Myriam Revault d'Allonnes, pp. 141-142.
54 Philippe Herzog, André Sapir, "What Economic and Social Model for Europe? Debate led by Patrick Allard", *What Econmic and Social Model for Europe? Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance 2008, p. 201.

Nixtieq qabel nagħlaq nagħmel kumment fuq l-IVF, għaliex naħseb li dan jorbot sew mal-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli. Bħall-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli, l-IVF hija wkoll aspett ġdid ta' din l-isfida ġdida demografika. Nibża' li jekk m'aħniex se noqogħdu attenti, f'dan il-qasam se nirrepetu l-iżbalji li saru fir-rigward tal-enerġija u tal-iżvilupp industrijali fuq il-bniedem. Se nkun dirett. Ma għandhomx jiġu ripetuti l-iżbalji li saru fl-enerġija fil-qasam tal-ġenetika umana. Waqt li ninsab konvint dwar il-fatt li x-xjenza għandha titħalla fil-libertà assoluta, hija għandha tibqa' għodda favur u mhux kontra l-bniedem. Wieħed irid joqgħod attent u ma jħallix l-entużjażmu f'dan il-qasam jiġri bih, bħal ma ġara fiż-żmien ir-rivoluzzjoni industrijali, biex ftit tas-snin wara indunajna li konna solvejna problema biex ikkreajna mija oħra ġodda fil-qasam tal-ambjent. Naħseb li s-soluzzjonijiet ma għandhomx ikunu tal-mument, iżda hemm bżonn li l-politiċi jgħarrxu għal aktar soluzzjonijiet sostenibbli fit-tul.

## Konklużjoni

Fil-livell politiku, l-Ewropa inbniet, b'mod partikulari matul is-seklu dsatax, fuq il-kunċett li aktar mal-istat jakkumula kapital, aktar l-istat seta' jagħmel żvilupp ekonomiku. Din l-akkumulazzjoni tal-kapital ġabet magħha l-kreazzjoni ta' stati kbar li eventwalment ingħaqdu f'Unjoni waħda. Mingħajr ma nqiegħed fid-dubju l-valur ta' din l-Unjoni ta' stati sovrani, illum, il-futur jinsab f'idejn dawk l-istati li kapaċi joffru servizzi u assistenza personalizzata. Jagħmel sew li mikro-stat bħal Malta, jieħu vantaġġ minn din is-sitwazzjoni. Il-fatt li hu stat ċkejken, iqiegħdu f'qagħda privileġġata biex joffri dawn is-servizzi personalizzati.Fuq l-livell ta' ħsieb, l-epoka moderna fl-Ewropa bdiet ma' ħassieb Lhudi, Spinosa, li kien l-ewwel wieħed li neħħa l-kunċett ta' Alla mill-ħsieb tal-iżvilupp tal-bniedem u ħareġ bil-kunċett tad-deiżmu. Din l-idea kompliet tiżviluppa ma' numru ta' ħassieba kbar Lhud fl-Ewropa, bħal Durkheim, Marx u oħrajn. Iżda, jiena naħseb li l-istess epoka ngħalqet fl-Ewropa ma' ħassieb kbir ieħor ta' oriġini Lhudija, George Steiner, meta dan qal li l-futur tal-Ewropa jinsab fil-fatt li din trid tirritorna għall-istrutturi bażiċi li ffurmaw dan il-kontinent, jiġifieri d-demokrazija Griega u l-etika u l-morali bibblika.[55]

55 "George Steiner, Conversation with Paul de Sinety and Alexis Tadié", *Diversity and Culture, Collection Penser l'Europe*, CulturesFrance 2008, p. 179. Also http://www.youtube.com/watch?v=7bEeAiVnGbM

# Fondazzjoni Ġorġ Borg Olivier

**Skopijiet u Oġġettivi**

1. Biex tinżamm ħajja l-memorja ta' Ġorġ Borg Olivier, il-kontribuzzjoni politika tiegħu u ħidmietu fl-isfera politika.

2. Biex torganizza attivitajiet, diskussjonijiet, lectures, seminars u tippubblika kotba, kitbiet u dokumenti li jmexxu 'l quddiem l-iskopijiet u l-oġġettivi, barra milli jxerrdu l-informazzjoni fuq il-kontribuzzjoni tiegħu.

3. Biex tiġbor u tiddokumenta kitbiet u xogħol ieħor fuq il-kontribuzzjoni ta' Ġorġ Borg Olivier u ta' personalitajiet prominenti oħra fi ħdan il-Partit Nazzjonalista; tanalizza kif imxew 'il quddiem il-proposti politiċi tagħhom u biex tkun iċ-ċentru ta' informazzjoni u dokumentazzjoni, kemm għal dak li hu miktub kif ukoll viżwali, fir-rigward ta' ħidmiethom.

4. Biex torganizza attivitajiet kulturali u ssaħħaħ il-kultura f'Malta billi tħarreġ individwi interessati fil-qasam politiku.

5. Biex torganizza kull attività oħra li tista' tmexxi 'l quddiem l-iskopijiet u l-oġġettivi tal-fondazzjoni.